MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Numru. 1346/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**VS**

**ELTON DELIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Elton Delia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 73079 (M).

**Akkuzat talli:**

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda billi:

Nhar l-14 ta` Novembru, 2012, u fix-xhur preceenti, fi Triq il-Karmelitani u diversi toroq ohra fil-Fgura, fi Triq Sir Ugo mifsud, Hal Luqa, f'Wied il-Ghajn, Rahal Gdid, u f'dawn il-gzejjer, wettaq diversi serq ta` *Fuel* liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), bil-mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan sar ghal deteriment ta` Jesmond Aquilina mill-Fgura, u/jew persuni ohra.

Il-Qorti rat l-Artikoli 261 (b) (c) (f) (g), 263, 264, 267, 270, 271 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-istadju bikrija tal-proceduri;

Wara li semghet lill-Ispettur Prosekutur;

Wara li rat il-Fedina Penali tal-imputat;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz:

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkondizzjonata tal-imputat ghal-imputazzjonijiet migjuba kontrih mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat. Fir-rigward tal-piena l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar millum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------